Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 207/2015

Il-Pulizja

Vs

Lewis Arpa

Illum 31 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Lewis Arpa detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 643549M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Frar, 2013 sa Jannar, 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Mary Arpa u/jew lil uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulate bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' April, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu xahar prigunerija. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Lewis Arpa, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' April, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti fl-ewwel lok tissoprasjedi u tissospendi s-smiegh ta' dan l-appell sakemm ikun hemm ezitu definittiv tal-kawza civile nru. 224/2012 RM, u dan kif diga gie deciz minn din l-Onorabbli Qorti bid-decizjoni taghha tal-25 ta' Marzu, 2015 fl-appell nru. 293/13DS fl-ismijiet il-Pulizija vs Louis Arpa; u biex eventwalment u fi kwalsiasi kaz tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Familja (Gurisdizzjoni Kriminali) fl-20 ta' April, 2015 fil-kazwa fl-ismijiet premessi billi ssib lill-esponent mhux hati tal-akkuza li giet migjuba kontra tieghu u minnha tilliberah u konsegwentement tehilsu minn kull htija u peina u fin-nuqqas li taghti piena li tkun taghmel aktar ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Lewis Arpa huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok is-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti hija monka u ghalhekk nulla peress li din ma hix konformi la ma dak li jipprovdi l-artiklu 382 u lanqas ma' dak li jipprovdi l-artikolu 7(2), iz-zewg artikoli tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
2. Illi fir-rigward ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, u hu ghalhekk illi fit-tieni paragrafu ta' dan ir-rikors inghad li, 'wara li presumilbent l-esponent gie misjub hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu', fis-sentenza hawn fuq imsemmija, id-dikjarazzjoni ta' htija, u cioe' tal-fatti li taghhom l-esponent gie misjub hati, ma tirrizultax, bhalma ma jirrizultawz ukoll l-artikolu jew artikoli tal-ligi li fuqhom hi bbazata s-sentenza. Ghal kull buon' fini qed tigi esebita flimkien ma' dan ir-rikors bhala Dok. B fotokopj tas-sentenza li geit moghtija mill-Ewwel Qorti u dan kif moghtija lid-difensur tal-esponent, l-avukat sottofirmat, fl-21 ta' April, 2015, mid-Deputat Registratur tal-Qorti tal-Familja (Gurisdizzjoni Kriminali).

3. Illi fir-rigward ta' dak li jipprovdi l-art. 7(2) tal-Kodici Kriminali ghandu jinghad li l-imputazzjoni kontra l-esponenti hi bbazata fuq il-kontravenzjoni misjuba fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali. Illi skond l-art. 7(2) tal-Kodici Kriminali il-pieni ghal-kontravenzjonijet huma (a) detenzjoni; (b) L-ammenda; u (c) ic-canfira u twiddiba. Il-piena tal-prigunerija li ghaliha gie kkundannat l-esponent fis-sentenza appellata mhix wahda mill-pieni stabiliti ghal-kontravenzjonijiet ghalkemm l-artikolu 338(z) jaghmel eccezzjoni fil-kaz ta' recidiva bazata fuq l-istess kontravenzjoni izda li ma tirrizulta minn imkien fil-kawza fl-ismijiet premessi.
4. Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, la hemm kawza civili pendenti ghal dikjarazzjoni li l-esponent mhux obbligat ihallas manteniment lill-martu, l-Ewwel Qorti kellha d-dover li tissoprasjedi u tistenna l-ezitu tal-kawza civili nru. 224/2012 RM hawn fuq imsemmija u dan peress illi l-ezitu tal-kawza kriminali odjerna jista' jiddependi fuq l-ezitu tal-istess kawza civili. L-esponent ma hallasx lill-martu l-manteniment mhux bi sfida izda gahx fic-crikostanzi tal-kaz kien gustifikat li jagixxi b'dan il-mod u dan ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni legali u li fuqu hi bbazata l-akkuza fil-kaz odjern. Ghalkemm l-Ewwel Qorti giet mitluba biex tissoprasjedi, u ghalkemm l-Ewwel Qorti giet mgharrfa bil-fatt li f'kawza identika ghal-kawza odjerna, hlief ghal-perjodu ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza Il-Pulizija vs Louis Arpa (App. Nru. 293/13 DS) fil-25 ta' Marzu, 2015 kienet iddecidiet li tilqa' t-talba tal-appellant f'dak l-appell mbiex tissoprasjoedi pendenti l-ezitu tal-kawza civili pendenti bejn l-appellant u l-mara teighu rigwardanti l-kwistjoni tal-manteniment iddefferiet l-appell sine die riappuntabbli permezz ta' rikors ta' kwalunkwe mill-partijiet wara li l-kwistjoni tigi definittivament deciza, u di piu' l-Ewwel Qorti giet moghtija kopja legali tal-istess decizjoni, l-Ewwel Qorti xorta wahda iddecidiet li tibqa' ghaddejja u tiddeciedi l-kawza u dan minghajr anke mighajr ma almentu ghamlet referenza ghat-tlba tal-appellant odjern biex tissoprassjedi u/jew tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-appell Nru. 293/13DS fl-ismijiet il-Pulizija vs Louis Arpa.

5. Illi ghalkemm il-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti kienu ta' natura sommarja dawn certament li ma kellhomx ikunu ta' natura leggera kif jinghata wiehed jifhem kemm mil-mod ta' kif l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda kaz tad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fil-kawza il-Pulizija vs Louis Arpa (App. Nru. 293/13 Ds) kif hawn fuq imsemmi, tal-mod ta' kif giet redatta s-sentenza appellata u fil-mod tal-pien inflitta fl-istess sentenza. Oltre dan, fis-sentenza appellata la gie specifikat illi l-allegat obbligu tal-esponent johrog minn kuntratt u mhux minn sentenza ta' Qorti u lanqas tal-fatt li se mai l-esponent zgur ma kellu l-ebda obbligu bhal dan ma jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni legali. Hu ghalhekk ukoll li l-esponent isostni li l-kawza tieghu giet deciza b'mod legger mill-Ewwel Qorti.
6. Illi anke il-Kodici Civili jahseb li fil-kaz ta' adulterju l-obbligu ta' manteniment bejn il-mizzewgin jintemm. F'dan il-kaz, skond il-kuntratt ta' separazzjoni, li ghandu efett ta' ligi bejn il-partijiet, hemm mahsu ghad-dritt tal-esponent li jwaqqaf il-manteniment lill martu f'kaz li din tibda tikkoabita. Dan hu dritt awtomatiku li ghal kull fini w effett tal-ligi ma jenhtieg l-ebda decizjoni ta' xi Qorti biex jigi akkwizit. Fil-fatt anke fil-kaz tal-kawza civili relatata t-talba hi ghal dikjarazzjoni li mart l-esponent iddedkadiet mid-dritt tal-manteniment sa mis-sena 2004 u mhux biex jinghatalu xi dritt. Kien forsi jkun differenti keiku l-esponent ibbaza d-difiza tieghu fuq adulterju biss.
7. Ili fil-mertu, gialadarba l-esponent stabilixxa li martu kienet qed tikkoabita skatta, ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni, id-dritt tieghu li jwaqqfilha l-manteniment. Bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, dan il-kuncett l-Ewwel Qorti jew rieditx tifmhu je3w ma setghetx tifmhu.
8. Illi fil-fatt il-kontravenzjoni invokata mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz hi bbazata fuq il-fatt li wiehed meta ikolu l-obbligu li jmantni, liema obbligu jkun johrg jew minn sentenza jew minn kuntratt, jonqos fizmien hmistax il-jum li jaghmel dan. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-esponent ipprova, almenu fuq bazi ta' probbabo;ota', li hu ma kellu l-ebda obbligu li jmantni lill-martu u dan a bazi tal-istess kuntratt ta' separazzjoni.

9. Illighalkemm mart l-esponent cahdet li hikienet tikkoabita mas-Sur paul Sant Cassia fil-fatt din qatt qabel mal-esponent intavola l-kawza ghad-divorzju, u cioe' ghal tmin (8) snin shah, ma rreklamat xi manteniment minghand l-esponent. Fil-fatt l-ewwel darba li mart l-esponent irrekalamt il-manteniment wara li dan kien gie mwaqqaf fis-sena 2004 kien permezz ta' ittra ufficjali tal-24 ta' Lulju, 2012 esebita ma dan ir-rikors bhala Dok 'A' u l-eccezzjoni fil-kawza li l-esponent ghamel biex jottjeni d-divorzju. Fil-fatt fil-perjodu bejn l-2004 u l-2012 mart l-esponent setghet facilment titlob il-manteniment mhux biss billi taghmel mandati ezekuttivi, jew billi talinqas tibghat ittra uffijcali bhal ma ghamlet fl-24 ta' Lulju, 2012 l' quddiem. Il-fatt li mart l-esponentqatt ma ghamlet xejn minn dan ghal dan iz-zmien kollu jsahhah il-verzjoni tal-esponent moghtija bil-gurament quddiem l-Ewwel Qorti li martu kienet iddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand l-esponent ghax kienet ikkoabitat, cirkostanza li skond il-kuntratt taghti dritt lill-esponent li jwaqqaf il-manteniment. Dan hu fatt cirkostanzjali qawwi li jxaqleb lejn it-tezi tal-esponent limartu kienet iddekadiet mid-dritt tal-manteniment u lijekk jiddecidi li jaghmel xi prova ikun bizzjjed ghalih jekk dik il-prova jaghmilha fuq il-bazi tal-probbabilita'.
10. Illi finalment anke kieku stess kellu jinghad li legalmnet l-esponent kien obbligat li jhallas manteniment lill-martu ghax messu l-ewwel gab dikjarazzjoni mill-Qorti kompetenti li hu ma kellux dan l-obbligu, kif donnu jidher li kien ir-ragunament tal-Ewwel Qorti, jidher car li l-esponent fic-cirkostanzi kollha tal-kaz agixxa taht zball genwin ta' fatt meta ma hallasx il-manteniment u ghalhekk anke f'dan il-kaz l-esponent mhux hati ta' dak li gie akkuzat bih.
11. Illi finalment il-piena ta' xahar prigunerija, apparti li hi kontra l-ligi, hi harxa ferm fic-cikrostanzi kollha tal-kaz anke f'kaz li din kellha tkun wahda ta' detenzjoni, li f'dan il-kaz mhix wahda tassattiva.

Ikkunsidrat;

Illi din id-decizjoni hija limitata ghall-ewwel zewg aggravvji sollevati mill-appellanti, fejn preliminarjament huwa jissolleva n-nullita tas-sentenza appellata billi din ma tikkonformax fl-ewwel lok mad-disposizzijonijiet ta'l-artikoli 382 tal-Kapitolu 9 u fit-tieni lok l-piena komminata ma hijiex dik prevista fil-ligi fl-artikolu 7(2) tal-Kodici Kriminali.

Illi dwar in-non-osservanza lamentat ta'l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali ghandu jinghad illi minn ezami ta'l-atti processwali jirrizulta illi fil-fatt jinsabu hemmhekk inseriti zewg sentenzi iffirmati mill-gudikant. L-ewwel wahda hija dik miktuba mill-gudikant *di proprio pugno* fuq il-komparixxi fejn hemm irregistrat biss id-decizjoni tal-Ewwel Qorti:

**"Xahar prigunerija"**

u dan kif solitament jigri fil-kawzi sommarji li jinstemghu quddiem l-Qorti tal-Magistrati. Jidher illi fis-seduta tal-20 ta' April 2015, wara li naghlaq il-gbir tal-provi, il-Qorti ghaddiet minnufih ghas-sentenza li giet miktuba mill-Magistrat kif indikat iktar 'il fuq. Illi fl-atti, izda giet inserita sentenza ohra dattilografata bl-istess data u bl-istess *decide*, u iffirmata ukoll mill-gudikant, fejn issa giet mizjuda id-dikjarazzjoni ta' htija, li hija nieqsa f'dik miktuba fuq il-komparixxi mill-gudikant. Gara izda illi meta talab sabiex tinghata lilu kopja tas-sentenza u dan sabiex ikun f'posizzjoni ihejji l-appell tieghu mill-istess, l-appellanti isostni illi huwa gie moghti fotokopja tal-komparixxi bid-decizjoni fuqha u mhux dik dattilografata li tinsab fl-atti, kopja ta' liema decizjoni l-appellanti jezebieha flimkien mar-rikors ta'l-appell tieghu. Kien ghalhekk illi huwa issolleva n-nullita tad-decizjoni appellata billi fiha ma kienx hemm dikjarazzjoni ta' htija, u cioe' tal-fatti li taghhom huwa gie misjub hati, izda l-piena biss. L-ebda wahda mis-sentenzi ma iggib il-firma tad-Deputat Registratur.

Issa l-artikolu 377 ighid illi meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali imbaghad jindika dak li ghandu ikun fiha is-sentenza *ad validitatem* meta jinghad:

**"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."**

Din id-disposizzjoni tal-ligi allura ma tinnecessitax illi s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat jew inkella li din tkun wahda motivata. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali l-Pulizija vs Albert Bezzina 25.07.1994 intqal :

***"il-Qorti tosserva illi la l-artikolu 377(1) u lanqas l-artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu dak li jghid il-Magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak illi hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza. ........."***

Stabbilt allura illi dak li jidher miktub mill-Magistrat *di proprio pugno* fuq il-komparixxi huma biss in-notamenti tieghu, jifdal biex jigi stabbilit jekk allura is-sentenza dattilografata u ukoll iffirmata mill-gudikant hijiex valida skont il-ligi.

Illi r-*ratio legis* wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija. Issa ma hemmx dubbju illi id-decizjoni ta'l-ewwel Qorti hija cara fis-sens illi hija sabet htija ghall-unika akkuza dedotta fil-konfront ta'l-appellanti. Il-Qorti imbaghad ghaddiet sabiex teroga il-piena ghal dan ir-reat u dan wara li iccitat d-disposizzjonijiet tal-ligi li abbazi taghhom kienet qed tinstab htija. Is-sentenza hija iffirmata mill-Magistrat u allura ghandha titqies bhala l-original u mhux il-kopja.

Kwindi billi l-vot tal-ligi jidher illi huwa sodisfatt, dan ma igibx in-nullita tas-sentenza impunjata billi kien bil-wisq evidenti illi abbazi tal-fatti esposti quddiem l-Ewwel Qorti, hija kienet qed issib il-htija ghall-uniku reat li bih l-appellanti kien gie akkuzat u ghaddiet biex tinfliggi l-piena ghall-istess. Ghaldaqstant dan l-aggravvju qed jigi rigettat.

Illi l-appellanti jilmenta ukoll illi l-piena prevista ma hijiex dik ikkontemplata fil-ligi. Illi jibda biex jinghad illi hekk kif ighaddu hmistax-il jum minn dak in-nhar illi il-manteniment ma jithallas ghal perijodu relattiv, issir l-infrazzjoni tal-ligi. Jekk imbaghad tibqa' issir l-infrazjoni ghal perijodi sussegwenti, allura tibda issehh l-istat ta' kontinwita tar-reita'.

Sabiex reat ikun wiehed kontinwat, jehtieg li jikkonkorru tlett rekwiziti, cioe', (1) diversi azzjonijiet li jivvjolaw l-istess disposizzjoni tal-ligi; (2) li gew maghmula f'okkazzjonijet differenti;

(3) li gew maghmula dejjem bl-istess risoluzzjoni jew intenzjoni kriminuza biex tinkiser dik l-istess disposizzjoni tal-ligi.

Fuq kollox:

**"Ir-reat kontinwat huwa finzjoni legali krejata essenzjalment ghall-beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi komminata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi.[1]"**

Dan qed jinghad ghaliex l-akkuza addebitata lill-appellanti igorr maghha l-aggravanti ikkontemplata fl-artikolu 18 tal-Kap.9 fejn hemm dispost:

**"Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala <u>reat wieħed</u>, imsejjaħ <u>reat kontinwat</u>, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi."**

[1] Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri – App. Inf – (per Imhallef Lino Agius) – 30/10/2001

Illi ma hemmx dubbju illi l-intenzjoni ta'l-appellanti kienet wahda u unika u cioe' illi huwa ma ihallasx il-manteniment billi deherlu illi dan ma kienx ghadu dovut, biex b'hekk sehh il-ksur ta'l-istess disposizzjoni tal-ligi.

Issa l-artikolu 7(2) tal-Kodici Kriminali jipprevedi illi:

**Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi liġi specjali ohra, il-pieni li jistghu jigu moghtija ghall-kontravvenzjonijiet huma - (a) id-detenzjoni; (b) l-ammenda; (ċ) iċ-ċanfira jew it-twiddiba."**

L-artikolu 31(g) imbaghad jistabilixxi illi:

**"it-tlugħ mill-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet isir għall-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur."**

Illi allura billi jezistu l-elementi kollha mehtiega bil-ligi ghall-applikazzjoni ta'l-artikolu 18 tenut kont illi l-infrazzjonijiet jirrisalu ghal perijodu bejn Frar 2013 u Jannar 2014, allura z-zieda mill-piena tal-kontravvenzjonijiet ghandu ikun fil-fehma tal-Qorti dak li inaqqas il-liberta personali u cioe' ta' tlett xhur prigunerija kif previst fl-artikolu 31(g) hawn fuq iccitat.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-aggravvju sollevat mill-appellanti dwar in-nullita tas-sentenza impunjata qed jigi michud u l-Qorti tordna il-prosegwiment tas-smigh ta'l-appell fuq l-aggravvji l-ohra sollevati.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur